**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**ISEM:** ______________________________ **KLASSI:** __________

**A. Dawn is-sentenzi huma dwar il-familja t'Alla fl-iskola u waqt il-logħob. Immarka b'sinjal (✓) fil-kaxxa ħdejn l-aħjar tweġiba. Ara l-eżempju. (10 marki)**



**Eżempju:** Fl-iskola għandna nitgħallmu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ma nċedux lil sħabna. | |
| b) | nkunu traskurati. | |
| ċ) | nużaw tajjeb dak li tana Alla. | ✓ |

1. Biex nuru li l-klassi tagħna hi parti mill-familja t'Alla, għandna

| | | |
|---|---|---|
| a) | mappa ta' Malta. | |
| b) | kurċifiss jew xbieha ta' Ġesù jew tal-Madonna. | |
| ċ) | kotba tal-matematika. | |

2. Nuru rispett lejn l-għalliema meta

| | | |
|---|---|---|
| a) | nġibu ruħna sewwa. | |
| b) | ma nobdux. | |
| ċ) | ma noqogħdux attenti fil-klassi. | |

3. Jekk tassew inħobbu lil Ġesù,

| | | |
|---|---|---|
| a) | nugżaw dejjem lil sħabna. | |
| b) | ngħinu lil sħabna. | |
| ċ) | nweġġgħu lil sħabna. | |

4. Min tassew iħobb lil Ġesù,

| | | |
|---|---|---|
| a) | itellef lil sħabu fil-klassi. | |
| b) | jirbaħ fil-logħob. | |
| ċ) | jislef lil min ikollu bżonn. | |

5. Inkunu tassew ħbieb jekk

| | | |
|---|---|---|
| a) | naħbu l-affarijiet ta' sħabna. | |
| b) | nieħdu dak li mhux tagħna. | |
| ċ) | nibżgħu għall-affarijiet ta' sħabna. | |

6. Bħal Ġesù għandna

| | | |
|---|---|---|
| a) | naħdmu l-ħin kollu. | |
| b) | nsibu ħin għall-mistrieħ. | |
| ċ) | nilagħbu l-ħin kollu. | |

7. Waqt il-logħob, Ġesù jrid li aħna

| | | |
|---|---|---|
| a) | nużaw kliem xieraq. | |
| b) | nilagħbu goff. | |
| ċ) | nisirqu. | |

8. Waqt il-logħob, Ġesù jieħu pjaċir jarana

| | | |
|---|---|---|
| a) | nidħku b'min jitlef. | |
| b) | nifirħu ma' min jirbaħ. | |
| ċ) | ninku lil min jitlef. | |

9. Meta nilagħbu flimkien kif irid Ġesù,

| | | |
|---|---|---|
| a) | inħossuna weħidna. | |
| b) | nitilfu dejjem. | |
| ċ) | insiru aktar ħbieb. | |

10. Meta nġibu ruħna sew, nifirħu u nkunu qegħdin

| | | |
|---|---|---|
| a) | nikbru bħala familja t'Alla. | |
| b) | indejqu lil ħaddieħor. | |
| ċ) | nitbiegħdu mill-paċi. | |

**B. Ikteb talba qasira lil San Pawl biex ikompli jieħu ħsieb pajjiżna. (5 marki)**

***San Pawl Missierna,*** ______________________

______________________

______________________

______________________

______________________



**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi dwar l-imħabba vera.**
**Agħżel mill-kliem li hemm fil-kaxex. Ara l-eżempju.**

**(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| ~~naħsbu~~ | jaqbel lilna | lil xulxin |
| jagħmel lilna | l-Kmandamenti Tiegħu | miet għalina |

**Eżempju:** Ġesù jridna **naħsbu** f'xulxin.

1. Aħna nħobbu lil Alla meta nobdu

   ___________________________________.

2. Inħobbu lill-oħrajn bħalna nfusna billi nagħmlu dak li rridu li

   ħaddieħor ______________________________.



3. Ma nistgħux inħobbu tassew jekk infittxu biss dak

   li ___________________________________.

4. Ġesù qalilna, "Ħobbu ______________________

   kif ħabbejtkom jien."

5. Ġesù tana l-ikbar eżempju ta' mħabba meta

   ___________________________________ fuq is-salib.

**D. Kif għandna nġibu ruħna fid-dar bħala Nsara tajbin?**
**Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxex. Ara l-eżempju.**

**(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~jobdi~~ | | | | |
| ommok | nilagħbu | nippikaw | nifirħu | flimkien |
| ħsiebna | niġġieldu | nirrispettaw | missierek | Ġesù |

**Eżempju:** Ġesù kien **jobdi** lil ommu Marija u lil San Ġużepp.

1. Fid-dar għandna ____________ lil dawk li jieħdu __________.
2. Ir-raba' kmandament jgħidilna, "Agħti ġieħ lil ______________ u lil _______________."
3. Ġesù ma jridx li _________________ u _________________ ma' ħutna.
4. Ġesù jridna ngħinu lil xulxin, _________________ flimkien u _____________________ b'xulxin.
5. Meta nkunu magħqudin ________________, _______________ jkun fil-familja tagħna.



**E. Qabbel is-sentenzi kif qalhom Ġesù. Iktibhom taħt. Ara l-eżempju numru 1. (10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | ~~Lil Alla sejħulu~~ | hekk agħmlu intom ma' xulxin. |
| 2. | Lil Alla ħobbuh b'qalbkom kollha | jisma' leħni. |
| 3. | Kif għamilt jien magħkom, | x'inhuma jagħmlu. |
| 4. | Is-saltna tiegħi | ~~Missierna li inti fis-smewwiet.~~ |
| 5. | Kull min iħobb il-verità | u b'saħħitkom kollha. |
| 6. | Missier aħfrilhom għax ma jafux | mhix ta' din id-dinja. |

1. **Eżempju: Lil Alla sejħulu Missierna li inti fis-smewwiet.**

2. ______________________________________________

______________________________________________

3. ______________________________________________

______________________________________________

4. ______________________________________________

______________________________________________

5. ______________________________________________

______________________________________________

6. ______________________________________________

______________________________________________

**F. Agħti ħames eżempji oħra biex turi kif għandek iġġib ruħek bħala Nisrani tajjeb jew bħala Nisranija tajba fil-familja t'Alla fil-belt jew fir-raħal tiegħek. Ara l-eżempju. (10 marki)**



**Eżempju:** **<u>Ngħidu grazzi lil min jagħtina xi servizz</u>.**

1. ______________________________________________

______________________________________________

2. ______________________________________________

______________________________________________

3. ______________________________________________

______________________________________________

4. ______________________________________________

______________________________________________

5. ______________________________________________

______________________________________________

**Ġ. Għalina l-Insara, il-Ħadd huwa jum ta' festa.**
**Ikteb ħames affarijiet li nistgħu nagħmlu nhar ta' Ħadd biex inkunu maqgħudin m'Alla u bejnietna. (10 marki)**



**Eżempju:** **<u>Nieħdu sehem fil-quddiesa</u>.**

1. ______________________________________________

2. ______________________________________________

3. ______________________________________________

4. ______________________________________________

5. ______________________________________________

**G. Aqra l-istejjer. Ikteb l-isem ta' dawk it-tfal li bl-għemil tagħhom urew li tassew iħobbu lil Ġesù. Ara l-eżempju. (10 marki)**



**Eżempju:**

Karen tmur tilgħab fl-istitut ma' tifla żgħira jisimha Judy. ***Karen***

1. Silvio ġġieled ma' Mario u Mario ħafirlu. _______________
2. Silvana marret tagħti l-homework lil Jane meta Jane kisret sieqha. __________
3. Andrew talab lil Ġesù biex jaħfer lil Simon talli tkellem ħażin. ___________
4. Meta Anna nsiet il-ħobż id-dar Ġorġ taha biċċa minn tiegħu. _____________
5. Ħadd ma ried jilgħab ma' Liża ħlief Roberta. ____________
6. Mary marret tixtri l-ħobż lil mara xiħa jisimha Rożi.__________
7. Waqt il-*break* Jurgen ta' spiss jibqa' jitkellem ma' Mark li qiegħed f'*wheel chair.* ________________
8. Alfred stieden lil Paul biex imur id-duttrina miegħu. _________
9. Joseph kien l-isptar u Karl mar jarah. ___________
10. Sam qal lil Toni li mhux sewwa jigdeb fuq sieħbu. ___________

**GĦ. Aqra din is-silta mill-Atti ta' l-Appostli. Wieġeb il-mistoqsijiet fuqha billi tagħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba. Ara l-eżempju. (10 marki)**

"Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, **jaqsmu l-ħobż** fi djarhom u jissieħbu fl-ikel bi **qlub** ferħana u **safja**; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom."



**Eżempju:** **Minn fejn hi meħuda s-silta?**

a) mill-ktieb tal-kant
b) minn ktieb tal-ħrejjef
ċ) **<u>mill-Atti ta’ l-Appostli</u>**

1. Kif kienu jġibu ruħhom flimkien l-ewwel Insara?

a) Kienu jitolbu fil-kamra tagħhom weħidhom.
b) Kienu jfaddlu l-flus li jaqilgħu.
ċ) Kienu jaqsmu kollox bejniethom.

2. X’kienu jagħmlu bil-ġid tagħhom l-ewwel Insara?

a) Kienu jarmu kollox.
b) Kienu jbigħu ġidhom u jqassmu l-flus bejn kulħadd.
ċ) Kienu jaħlu ġidhom.

3. Fejn kienu jmorru jitolbu u jfaħħru lil Alla flimkien?

a) fil-ġonna
b) fis-sinagoga
ċ) fit-tempju

4. L-insara kienu ‘**jaqsmu l-ħobż**’ fid-djar. Xi jfisser ‘**jaqsmu l-ħobż**’?

a) Kienu jaħmu l-ħobż.
b) Kienu jieħdu sehem fl-Ewkaristija.
ċ) Kienu jieklu l-ħobż.

5. L-insara kienu jissieħbu fl-ikel ‘**bi qlub safja**’. X’tifhem bil-kliem ‘**bi qlub safja**’?

a) jinħaslu
b) b’saħħithom
ċ) bla dnub

## H. Kompli dawn is-sentenzi dwar l-Ispirtu s-Santu. Ara l-eżempju. (10 marki)

**Eżempju**: F’Għid il-Ħamsin, l-Ispirtu s-Santu niżel fuq **<u>l-Appostli</u>**.



1. Meta niżel l-Ispirtu s-Santu, l-Appostli semgħu

__________________________.

2. Meta niżel l-Ispirtu s-Santu, l-Appostli raw

________________________________.

3. L-Appostli nbidlu u ma baqgħux ______________________.

4. Huma bdew jgħallmu lin-nies kollha dwar _______________.

5. Lill-Knisja l-Ispirtu s-Santu jagħtiha l- _______________.

6. L-Ispirtu s-Santu ser jibqa' jieħu ħsieb il-Knisja sa

_________________________________________________________.

***(6 marki)***

7. L-Ispirtu s-Santu jgħin lill-Papa u lill-Isqfijiet biex

_________________________________________________________.

8. L-Ispirtu s-Santu jgħin lis-saċerdoti, lill-għalliema u lill-katekisti biex

_________________________________________________________.

***(4 marki)***

**Ħ.**



**L-istampa turi lil San Pietru. Ikteb mhux inqas minn ħames sentenzi fuq San Pietru.**

**(10 marki)**

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

**TMIEM**